**Ms. Claire Amato**

It-Tielet Sena Primarja **Ġ3.2 NAĦDMU U NILAGĦBU FIS-SIGURTÀ**

**Worksheet**

**Ġ3.2.3**
nidentifikaw nuqqasijiet fis-sigurtà kemm fl-iskola kif ukoll fil-lokalitajiet fejn ngħixu

## A. *Niddiskutu* dawn iż-żewġ każi:

- Robert għandu tmien snin. Il-mama' bagħtitu jixtri pakkett butir mill-ħanut tal-merċa li jinsab żewġ toroq 'il bogħod minn fejn joqgħod. Sabiex iħaffef, huwa mar bir-rota. Robert ma sabx basket li seta' jdendel ma' spallejh, għalhekk saq b'id waħda. Huwa u ġej lura, inbaram, waqa' u weġġa' rasu. Lanqas *crash-helmet* ma kellu!

- Waqt il-brejk, sakemm dawwar naqra wiċċu l-għalliema, Danjela ppruvat taqbeż iċ-ċint tal-kuritur. Hija tfixklet u waqgħed għal rasha. Tgħidx x'gundalla kerha għamlet!

***Niddiskutu*: Kif setgħu ġew evitati dawn iż-żewġ inċidenti?**

Ms. Claire Amato

**B <u>Ħares sew lejn il-kmamar f'din id-dar.</u>**

**<u>Liema inċidenti jistgħu jiġru f'dawn il-kmamar differenti?</u>**



**<u>Ċ. Imla bl-ismijiet tal-kmamar fid-dar:</u>**

Kull fejn inkunu, irridu noqogħdu attenti biex nevitaw l-inċidenti.

Hemm bżonn li noqogħdu attenti l-iskola, il-bandli u fit-triq. Bla dubju ta' xejn, irridu noqogħdu b'seba' għajnejn anke ġo darna stess!

Fil- (1) ____________________ ____________________ irridu noqogħdu attenti li ma ndaħħlux affarijiet li jaħdmu bl-elettriku. Irridu nagħmlu tapit fil-banju jew fis-sink biex ma niżolqux. F'din il-kamra tajjeb ukoll li noqogħdu attenti li ma ndaħħlux

deterġenti f'ħalqna. Jekk jaqgħalna xi ilma malart għandna nixxuttawh immedjatament biex nevitaw xi żelqa.

Fil- (2) __________________________ __________________________ wkoll jeħtieġ li noqogħdu attenti. M'għandniex inħallu wajers, żraben jew oġġetti oħrajn jiġru malart. Dan jgħodd ukoll għall-kamra tas- (4) ____________________.

Il- (3) ____________________ hija waħda mill-kmamar l-iktar użati fid-dar. Din il-kamra mimlija perikli li hemm bżonn nevitaw. Għandna noqogħdu attenti li ma nwaqqgħux ilma u likwidi oħrajn biex nevitaw xi waqgħat. Irridu noqogħdu attenti biex ma nitkellmux bl-ikel f'ħalqna għax dan jista' jxerraqna. Hemm bżonn ta' attenzjoni kbira meta naħslu jew nixxuttaw it-tazzi u l-platti tal-ħġieġ. Irridu noqogħdu attenti wkoll meta nużaw xi skieken.

Jeħtieġ li nkunu akkumpanjati minn xi adult li jħobbna meta nersqu lejn il- (5) ____________________________ tal-____________________ jew tal-p____________________________.

**kamra tal-għodda, kċina, kamra tal-banju, salott,**
**kamra tas-sodda, pixxina**

D. Immaġina li inti l-kap tal-iskola.

Ikteb jew pinġi tliet regoli tas-saħħa u s-sigurta' li tara li jiġu osservati minn kull min jidħol fl-iskola.

1.

2.

3.

**D. Immaġina li inti s-sindku tar-raħal.**

**Ikteb jew pinġi tliet tabelli biex tenfasizza s-saħħa u s-sigurta' fi ġnien ġdid li għadek kemm ftaħt:**





